# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2605

**Kaz Nru. 3536/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Michelina Bonnici (1236857 (M))**

**u**

**Specialist Group Cleaners Ltd.**
**(C 65296).**
**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Michelina Bonnici, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Frar, 2017. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-Rikorrenti kienet assistita mill-Avukat Elaine Degiorgio u ghas-socjeta ntimata dehret l-Avv. Marycien Vassallo.**

**Fl'-istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti tghid, li hija kienet ilha tahdem bhala full-time cleaner mis-sena 2010, primarjament mal-kumpanija Gafa Saveway Cleaners Limited, liema kumpanija inbieghet lil TF Services Limited. Wara dan kien sar it-trasferiment tan-negozju mat-TF lis-socjeta ntimata, fejn il-haddiema li kienu mpjegati mas-socjeta TF Services kienu ghaddew ukoll lis-socjeta ntimata.**

**Fl'istqarrija taghha hija tghid, li kienet ilha mpjegata mas-socjeta ntimata mid-19 ta' Jannar, 2015 u kienet assenjata xoghol fl'isptar Karin Grech. Hija tghid ukoll, li l-impjieg taghha gie terminat minghajr l-ebda raguni valida u gustifikazzjoni u ghaldqstant hija giet imkeccija ngustament.**

**Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li t-tkeccija sehhet nhar id-9 ta' Novembru, 2016 meta hija kienet qieghda tikkomunika ma kollega gdida taghha u giet insultata minn certa Bianca Grima, impjegata mal-isptar Karin Grech u dan sar minghajr ma kien hemm l-ebda raguni.**

**Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li ghalkemm f'dak il-hin baqghet ghaddejja bix-xoghol taghha wara giet imkeccija hesrem. Hija tghid ukoll, li wara li giet imkeccija gie ddikkjarat minn naha tas-socjeta li hija kienet irrezenjat mill-impjieg. Hija tghid ukoll, li meta giet**

**imkeccija lanqas giet imhallsa l-granet tax-xoghol li hadmet kif ukoll, lanqas giet imhallsa l-bonus, notice period u l-leave li ma ttehidx u rigward dan kien sar rapport lid-Dipartiment responsabbli.**

**Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija taghha fejn tghid li ghaldaqstant, qed titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali, sabiex jaghti decizjoni finali skond il-ligi u dana billi jiddikjara li t-tkeccija taghha kienet ingusta u jillikwida l-kumpens ghal din t-tkeccija ngusta.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li kuntrarjament ghal dak li qed tallega r-rikorrenti din qatt ma giet imkeccija mill-impjieg. Is-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti kienet giet infurmatha li kienet ser tigi trasferita mill-Isptar Karin Grech u kienet ser tibda tithaddem bhala reliever, izda meta din giet infurmatha b'dan kienet propju hi stess li temmet hesrem l-impjieg taghha stante li ma ridietx tahdem fl'ebda post iehor.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li d-decizjoni tat-trasferiment tar-rikorrenti ttiehdet wara ghadd ta' lmenti kemm bil-miktub u kemm verbalment minn haddiema mhux impjegati mas-socjeta u li dawn jahdmu fl-isptar Karin Grech kif ukoll, minn haddiema ohra li kienu jahdmu flimkien maghha. Fost il-varji lmenti li rcievet is-socjeta kien hemm, li r-rikorrenti kienet tmur f'postijiet fl-isptar fejn il-haddiema li**

**jahdmu mas-socjeta ma kienux permess kif ukoll, dwar l-imgieba taghha mal-impjegati kemm tal-Isptar Karin Grech u kemm tas-socjeta.**

**Is-sojceta tghid ukoll, li minkejja diversi lmenti s-socjeta hadet decizjoni li ma ttemmx l-impjieg taghha u ghalhekk gie deciz li hija tigi trasferita minn post ghall-iehor sabiex tahdem bhala reliever. Hija tghid ukoll, li ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistghax tigi milqugha.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti giet imhallsa ta' l-ahhar jiem li hadmet, tal-bonus, perjodu tal-leave li ma ttehidx u dan minkejja li r-raguni tat-terminazzjoni giet ikkontesta anki permezz ta' ittra datata 27 ta' Dicembru, 2016. Is-socjeta tghid ukoll, li hija hallset lir-rikorrenti s-somma ta' €421.60 bhala notice period permezz ta' trasferiment bankarju f'Marzu 2017 kif ukoll, hallset l-ammont reklamat mir-rikorrenti ghall-ahhar jiem li hadmet, tal-bonus u tal-leave li ma ttehdix permezz ta' bank transfer iehor li prova tieghu ser jigi pprezentat waqt dawn il-proceduri.**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti kienet ilha mpjegata bhala full-time cleaner mis-sena 2010, l-ewwel kienet impjegata mal-Kumpanija Gafa Saveway Cleaners Limited liema kumpanija kienet inbieghet lil**

**TF Services Limited u wara kienet giet trasferita lil Specialist Group Cleaners Limited u hija minn dejjem kienet tghamel xoghol ta' cleaning fl'isptar Karin Grech.**

**Mill-provi jirrizulta ukoll li kif tghid ir-rikorrenti fit-8 ta' Novembru, 2016 hija dahlet ghax-xoghol normali u giet delegata mis-supervisor biex turi f'hix kien jikkonsisti x-xoghol lill impjegata gdida. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti bghatet lill-impjegata l-gdida fir-reception biex iggieb ic-cwievet, fil-waqt li hi marret iggieb l-ghodda ghax-xoghol li kellu jsir. Ir-rikorrenti tghid fix-xhieda taghha, li hija lemhet l-impjegata l-gdida titkellem mar-reception u meta hija sejhet lill impjegata l-gdida biex jibdew ix-xoghol hija giet imwiegba mir-reception biex ma tindahalx.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid, li marret tirraporta lis-supervisor taghha izda peress li ma sabitux marret fl'ufficcju tas-sigurta u halliet risposta ma mpjegat fl'ufficcju biex tigi kkuntattjata mill-kap tas-sigurta. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li ghamlet rapport lis-segretarja tal-Kumpanija Specialist Group, wara din ikkuntattjat lir-rikorrenti fejn spejgat lis-segretarja x'kien gara u din qalet lir-rikorrenti biex tkompli bix-xoghol taghha.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li fil-ghaxija giet ikkuntattjata mill-kap tas-sigurta fejn infurmaha li kien sar rapport fil-konfront taghha mir-receptionist. Hu qallha li rrapurtat li r-rikorrenti kienet refghat idejha fuqha u gie ssuggerit lilha biex tghamel rapport lill-agent kap tas-sigurta ta' l-isptar. Hija tghid ukoll, li marret izda peress li ma sabitux hemm kompliet bix-xoghol taghha.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li waqt dak il-hin irceviet telefonata minghand is-segretarja tal-kumpanija fejn qaltilha, li kien hemm ilment fuqha li hija ma tghatx l-ghodda lill impjegata l-gdida u ghal dan ir-rikorrenti cahdet dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront taghha. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li aktar tard irceviet telefonata minghand is-segretarja fejn infurmatha li sar rapport fil-konfront taghha lis-superjuri tal-kumpanija.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li l-ghada dahlet normali ghax-xoghol u irceviet telefonata minghand is-segretarja tal-kumpanija fejn infurmatha biex mill-ghada ma tidholx aktar ghax-xoghol u li dak inhar kienet l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha.**

**Is-segretarja qaltilha wkoll, li kien hemm rapport fuqha li hi riedet titfa tazza kafe lill Brenda Zahra u siggu lil Jospehine Formosa. Ir-**

**rikorrenti tghid ukoll, li hija cahdet dawn l-allegazzjonijiet u dak inhar kompliet bil-gurnata tax-xoghol taghha u mill-ghada ma attenditx ghax-xoghol skond l-istruzzjonijiet li gew moghtija lillha.**

**Fix-xhieda tar-rikorrenti tat-2 ta' Novembru u ta' 12 ta' Dicembru, 2017 kif ukoll tat-8 ta' Frar, 2018 fil-waqt li hi tghati l-verzjoni taghha dwar l-incident ma l-impjegata l-gdida u mar-recptionist ta' l-isptar hija tghid ukoll, li cemplet kemm il-darba lis-segretarja tal-kumpanija biex jghidulha meta kellha tkompli bix-xoghol, izda is-segretarja qatt ma rritornat it-telefonati taghha.**

**Is-segretarja tal-kumpanija Alexia Bongailas tistqarr fix-xhieda taghha, li Michelina Bonnici minn dejjem kienet tahdem gewwa l-isptar Karin Grech u hija tghid ukoll, li kif bdew joperaw mill-bidu kienu jidhlu ghadd ta' lmenti dwarha li l-bicca kbira ta' l-ilmenti kienu verbali u kienu jsiru maghha jew inkella mas-segretarja li kellhom dak iz-zmien. Hija tghid ukoll, li mir-rekords li ghandhom kien dahal ukoll ilment bil-miktub. Dan l-ilment kien datat 24 ta' Settembru, 2015 u sar minn John Magri, haddiem mal-Ministeru ghas-sahha. L-ilmenti dwar Michelina kienu jkunu dwar l-attitudni taghha mal-haddiema tal-SG u anke mal-haddiema tal-Isptar Karin Grech u kienu jkunu dwar il-fatt li hija ma kienitx taghmel xogholha sew u ta' sikwiet kienet tkun f'postijiet gewwa l-isptar fejn il-haddiema tal-kumpanija ma kellhomx permess ikunu. Is-Segretarja**

**tghid ukoll, li Michelina kienet tahbi l-affarijiet li hija kienet tnaddaf bihom, sabiex il-kollegi taghha ma kienux jistghu isibuhom.**

**Fix-xhieda taghha hija tkompli tghid, li hekk kif kienet tircievi dawn l-ilmenti, hija kienet tkellimha personalment u kienet tigbdielha l-attenzjoni li kien hemm il-problemi. Hija tghid ukoll, li minkejja li kienet twiddeb verbalment lir-rikorrenti s-sitwazzjoni xorta wahda ma nbidlitx u lilmenti fil-konfront taghha baqghu jippersistu. Hija tghid ukoll, li darba kienet harget twissija lir-rikorrenti izda din ma kienitx iffirmatu.**

**Is-segretarja tal-kumpanija tghid ukoll fix-xhieda taghha, li fit-8 ta' Novembru, 2016 kien hemm haddiema gdida fl'isptar Karin Grech u r-rikorrenti kellha turi lil din il-haddiema ix-xoghol li kellu jsir . Hija tghid ukoll, li tiftakar li dak inhar kienet irceviet telefonata minghand din il-haddiema gdida li qaltilha, li ma riditx tahdem aktar mar-rikorrenti. Ix-xhud tghid ukoll, li kienet tkellmet mar-rikorrenti biex tispjegalha x'kien gara u tghid ukoll li r-rikorrenti kienet qalet li kienet ir-receptionist li bdiet il-glieda. Ix-xhud tghid ukoll, li kienet tkellmet mar-receptionst fejn qalet li kienet ir-rikorrenti li hebbet ghalija. Hija tghid ukoll, li kienet irceviet telefonata minghand ufficjal ta' l-isptar u riedu li jigi tterminat b'mod immedjat l-impieg tar-rikorrenti u dan minhabba din il-kwistjoni kif ukoll minhabba l-**

**problemi li kkawzat qabel din il-glieda u f'kaz li ma kienx se jsir hekk ix-xoghol tal-SG gewwa l-isptar kien ser jigi mwaqqaf.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li l-ghada 9 ta' Novembru regghat ghamlet kuntatt biex jigi tterminat il-palming tar-rikorrenti mis-sistema tal-Isptar Karin Grech b'mod immedjat. Hija tghid ukoll, li dak inhar regghet cemplet lir-rikorrenti u nfurmatha biex titlaq minnufih mill-isptar u mill-gurnata ta' hidma li jmiss ma tirrapurtax aktar ghax-xoghol gewwa l-Isptar Karin Grech kif ukoll, li kellha tevita dawk l-inhawi u dan fuq struzzjonijiet tal-isptar. Hija tghid ukoll, li kienet qalet lir-rikorrenti li kienet se titpoggha reliever bl-istess paga u l-istess sieghat u bl-istess granet izda gewwa postijiet ohra li m'humiex l-isptar Karin Grech. Hija tghid ukoll, li waqt din it-telefonata kien hemm hdejha ix-xhud haddiema tal-Kumpanija Luana Cassar li semghet it-telefonata kollha. Ix-xhud tghid ukoll, li r-rikorrenti kienet irrifjutat din l-offerta u qaltilha li hi ma riditx tibda tahdem minn postijiet ohra u tghid li qaltilha jew posti jew xejn. Ix-xhud tghid ukoll, li ma setghux jergaw jassenjawlha l-isptar peress li kien hemm pressjoni biex ma tigix assenjatha hemm u tghid ukoll, li ma regghatx semghat minghand irrikorrenti u hi ma regghetx irritornat lura ghax-xoghol. Hija tghid ukoll, li stenniet ftit granet biex forsi rrikorrenti tghamel kuntatt mal-kumpanija izda peress li ma semghat xejn giet mimlija l-formola ta' l-ETC u peress li ma kienitx il-kumpanija li kecciet lir-rikorrenti gie rregistrat li r-rikorrenti kienet irrezenjat mill-impjieg. Hija tghalaq l-istqarrija tax-xhieda taghha fejn tghid, li tikkonferma li l-SG qatt ma kellha**

**intenzjoni li tkecci lir-rikorrenti minkejja l-problemi li kienet qed taqla u dan in vista tal-fatt li l-SG ma taffordjax titlef haddiema sabiex tkun tista tlahhaq max-xoghol li ghanda.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li l-ghada ta' incident li sehh fit-8 ta' Novembru, 2016 ir-rikorrenti giet infurmatha mill-kumpanija biex ma tibqax tahdem fl-Isptar Karin Grech wara li kienet ilha tahdem f'dan l-isptar ghal madwar sitt snin. Hija giet nfurmatha wkoll, li ma kienitx se titkecca mill-impieg izda kienet se tibda tigi assenjata xoghol ta' reliever f'diversi postijiet tax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dan sar mhux ghal ragunijiet ta' esigenzi ta' l-operat tax-xoghol, izda b'konsegwenza ta' l-incident li kien inqala u fuq verzjonijiet li gew moghtija lis-segretarja tal-kumpanija li kkonkludiet li r-rikorrenti kienet hatja ta' dan l-incident.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-azzjoni li ttiehdet fil-konfront tar-rikorrenti kienet forma ta' azzjoni dixxiplinarja u dan sar minghajr b'modd formali ma tghaw lir-rikorrenti l-opportunita li b'mod xieraq tiddefendi l-kaz taghha.**

**It-Tribunal Industrijali qed jikkunsidra dan l-aspett tal-kaz ghar-raguni, li ghalkemm il-kumpanija tghid li hija ma keccietx mill-impjieg lir-rikorrenti pero dan il-kaz kien il-kawza li r-rikorrenti ma thallitx tahdem aktar f'dan l-isptar wara li kienet ilha tahdem hemm ghal madwar sitt snin.**

**It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li meta saru r-rapporti lis-segretarja hija kellha tibghat personalment ghar-rikorrenti fl'ufficcju tal-kumpanija, tispjegalha r-rapporti li kien hemm fil-konfront taghha u tghatiha l-opportunita biex tghati l-verzjoni taghha u r-rikorrenti ikollha l-opportunita li b'modd xieraq tiddefendi l-kaz taghha.**

**It-Tribunal Industrijali qed jirrimarka dan l-aspett ghar-raguni, li r-rapporti u l-ispjegazzjonijiet kollha saru bit-telephone li zgur ghal kaz ta' din ix-xorta ma hux il-komunikazzjoni adattata biex tittratta kaz ta' impjegata li kienet ilha fl'impjieg ghal madwar sitt snin.**

**It-Tribunal Industrijali meta janalizza l-verzjonijiet tax-xhieda li gew moghtija lilhu jsib li s-segretarja tghid " li minn dak inhar jien ma ergajtx smjat minghand Michelina u hija ma rritornatx lura ghax-xoghol. Jien stennejt ftit tal-granet forsi kienet ser terga taghmel**

**kuntatt maghna izda dan ma sarx u ghalhekk kellhi nimla l-formola tal-ETC. Stante li l-SG ma keccitiex izda naqset milli tirritorna lura ghax-xoghol, ir-raguni fuq il-formola tnizzlet bhala rizenja".**

**Minn naha ta' Michelina tghid kif jirrizulta mill-provi li hija cemplet kemm il-darba lis-segretarja, izda din qatt ma rritornat it-telefonati taghha.**

**Meta it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn il-verzjonijiet tax-xhieda u janalizzhom jinnota li mix-xhieda jirrizulta li l-kumpanija kienet se tassenja xoghol lir-rikorrenti bhala reliever u ghaldaqstant ma kienx se jkollha post tax-xoghol fiss, izda kienet se tahdem f'diversi postijiet tax-xoghol biex tirrilivja lill haddiema li jkunu bil-leave jew sick leave jew fejn ikun hemm bzonn aktar ammont ta' haddiema. Ghaldaqstant, kellha tkun il-kumpanija li tikkuntattja lir-rikorrenti biex tinfurmahha fejn u fl'liema post tax-xoghol hija kellha tirraporta biex taqdi d-dmirijiet taghha. Mill-provi li gew quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax li l-kumpanija qatt infurmat lir-rikorrenti fl'liema post tax-xoghol u l-hin li hi kellha tirraporta kif ukoll, kif jirrizulta mill-provi meta r-rikorrenti ppruvat tikkuntattja lill Kumpanija hija ma kellha ebda twegiba. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li n-nuqqas kien tal-kumpanija u nvista li l-kumpanija ma assenjatx xoghol lir-rikorrenti dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li kienet il-kumpanija li tterminat l-impjieg tar-rikorrenti.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti ghandha tithallas kumpens minghand Specialist Group Cleaners Ltd. (C 65296) ta' €5,000 (hames t'elef ewro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba diferimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghjan ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 9 ta' Lulju, 2019**